# Rapport tal-Kap Eżekuttiv



Geoffrey Fichte, Kap Eżekuttiv tal-HSBC Bank Malta p.l.c.

Is-sena 2023 kienet ikkaratterizzata minn inċertezza ekonomika u ġeopolitika li kienet aggravata mill-pressjonijiet inflazzjonarji prevalenti b'riżultat tal-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u s-sitwazzjoni tumultuża u traġika fil-Lvant Nofsani. L-impatt kien u għadu qed jinħass globalment u lokalment.

B'xorti tajba, l-ekonomija ta' Malta kienet reżiljenti minkejja l-ambjent internazzjonali volatili u huwa inkoraġġanti li wieħed jinnota li l-Kummissjoni Ewropea qed tbassar li Malta se tkompli bit-tkabbir ekonomiku b'saħħtu fost il-pajjiżi tal-'UE' din is-sena wkoll. L-ekonomija ta' Malta hi b'saħħitha bl-inqas rati ta' qgħad u bl-aktar popolazzjoni li qed tikber malajr fl-Ewropa. Is-setturi ewlenin għadhom b'saħħithom. Madankollu, għandna nkunu kawti minħabba theddid estern.

F'dawn iż-żminijiet inċerti, ir-rwol tal-HSBC Bank Malta p.l.c. bħala organizzazzjoni ewlenija fl-industrija bankarja, u l-istituzzjoni finanzjarja internazzjonali ewlenija f'Malta, hi saħansitra aktar evidenti. HSBC Bank Malta p.l.c. jibqa parteċipant attiv fl-ekonomija lokali u aħna impenjati li nkomplu noffru l-aqwa servizz kemm lill-klijenti tagħna kif ukoll lill-komunità li naqdu.

Minkejja l-ambjent ekonomiku estern, irnexxielna nwasslu soluzzjonijiet innovattivi lill-klijenti tagħna u investejna ħin, xogħol u kapital biex nidentifikaw u nirrealizzaw opportunitajiet biex inkabbru n-negozju fit-tul u noffru dinja ta' opportunitjiet lill-klijenti tagħna.

Aħna kburin li fl-2023, waqt ir-riżultati finanzjarji ta nofs is sena li ġew imħabbra f'Awwissu, il-ħlas tad-dividend kien ogħla mid-dividend sħiħ imħallas fl-2022. Il-prezz tal-ishma tagħna kellu l-aqwa prestazzjoni fil-Borża ta' Malta fl-2023, fejn żdied b'aktar minn 80% . Ir-rendiment annwali tad-dividendi tagħna kien l-ogħla fost il-banek elenkati f'Malta.

Ir-riżultati finanzjarji li qed jiġu ppreżentati jixhdu prestazzjoni b'saħħitha li turi biċ-ċar li l-istrateġija tagħna qed tagħti riżultati tanġibbli u jien fiduċjuż li l-istrateġija tagħna ffukata fuq il-futur u mibnija madwar il-klijent tpoġġi l-HSBC Bank Malta p.l.c. f'pożizzjoni tajba għal suċċess fit-tul. Il-bank kiseb tkabbir qawwi fil-profitt fl-2023 u l-prinċipji fundamentali tal-bank jibqgħu robusti u l-prestazzjoni sottostanti kienet reżiljenti.

Nibqgħu ffukati fuq il-futur, b'rieda li nkabbru l-bank tagħna b'mod sostenibbli. Aħna se nkomplu ninvestu fin-negozju tagħna biex nilħqu l-ħtiġijiet dinamiċi u li qed jevolvu tal-klijenti tagħna.

Is-servizzi tan-negozju tagħna, *Commercial Banking and Wealth, Personal Banking u Global Markets* qed ikomplu jikbru fl-oqsma rispettivi tagħhom u qed ifittxu li jikbru billi jimmassimizzaw l-opportunitajiet finanzjarji sostenibbli, jisfruttaw il-vantaġġ internazzjonali tagħna, u jżommu mmaniġjar proattiv tal-ispejjeż u tar-riskju. Aħna qed inkomplu nsegwu mal-istandards ta' konformità allinjati mar-regolamenti lokali u tal-HSBC Grupp li huma sors ta' saħħa, stabbiltà u vantaġġ kompetittiv. Qed naħdmu b'diliġenza biex nappoġġaw it-tkabbir tal-ekonomija ta' Malta billi niffaċilitaw negozji ġodda u kummerċ transkonfinali.

In-nies tagħna huma l-pedament tal-bank u għalhekk se nkomplu nagħtu s-setgħa lill-impjegati tagħna biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jkunu l-aħjar verżjoni li jistgħu jkunu billi qed ninvestu f'opportunitajiet biex jiżviluppaw ħiliet, jitgħallmu kapaċitajiet ġodda u jadattaw għall-futur, filwaqt li nnaqqsu il-kumplessità u l-burokrazija.

Huwa għall-kreditu kollettiv tagħhom li fl-2023 HSBC Bank Malta p.l.c. rebaħ premjijiet prestiġjużi bħall-*Banker of the Year* mill-*Financial Times* (Diċembru 2023), Market Leader u Best Service minn Euromoney Cash Management Survey (Novembru 2023) u Market Leader u Best Service Leader minn Euromoney Trade Finance Survey (Marzu 2023).



Mix-xellug: Jesmond Apap, Kap tas-Swieq Globali; Michel Cordina, Direttur Eżekuttiv u Kap tal-Iżvilupp tan-Negozju; Joyce Grech, Kap tal-Kummerċ Bankarju; John Bonello, Chairman; Charlotte Cilia, Kap Finanzjarju; Geoffrey Fichte, Kap Eżekuttiv

Il-ħidma tal-HSBC Malta Foundation, dettaljata b'mod estensiv fil-messaġġ taċ-Chairman, għandha impatt profond għall-benefiċjarji kollha fil-komunità tagħna. F'Malta, il-bank iwettaq l-istrateġija ta' Sostenibbiltà Korporattiva tal-Grupp primarjament permezz tal-HSBC Malta Foundation. It-tliet pilastri tal-HSBC Malta Foundation, għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-edukazzjoni għat-tfal, speċjalment dawk żvantaġġati, biex jippromwovu u jaħdmu lejn ambjent aktar sostenibbli u biex jippreservaw il-wirt storiku għani u uniku ta' Malta.

Bħalissa l-HSBC Malta Foundation qed tappoġġja ħames inizjattivi ewlenin:-
– The Human Capital Research Project b'għotja ta' €135,000;
– L-ogħla użu tal-effiċjenza tal-enerġija permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini: *'HSBC Case Study'*, proġett ta' riċerka b'għotja ta' €120,000;
– *The Prince's International Achieve Programme* b'għotja ta' €121,000 (ilna nappoġġjaw dan il-programm għal dawn l-aħħar tmien snin);
– Il-*JAYE Young Enterprise Programmes* b'għotja ta' €150,000 (ilna nappoġġjaw dan il-programm mill-1999);
– The *Nature Based Solutions Project* b'għotja ta' €160,000.

Fl-aħħar nett, iżda daqstant ieħor importanti, jien kburi immens bl-uffiċċji l-ġodda tagħna - HSBC Hub f'Ħal Qormi. Investejna b'mod sinifikanti fit-trasformazzjoni tal-kumpless ta' Ħal Qormi biex inbiddluh f'uffiċċju uniku u modern għall-kollegi u l-klijenti. B'investiment kapitali ta' €30 miljun, HSBC Hub kien l-akbar proġett ta' investiment fuq il-post tax-xogħol f'HSBC Europe għall-2022 u l-2023, u issa se jiffaċilita xogħol flessibbli u joffri l-aħjar esperjenza kemm lill-impjegati, kif ukoll lill-klijenti. It-tlestija tal-ewwel fażi tal-proġett rat persentaġġ tan-nies tagħna jaħdmu fil-bini l-ġdid mit-22 ta' Jannar 2024, hekk kif qed nistennew bil-ħerqa li nilqgħu lill-bqija fl-2025.

Biex nagħlaq, nixtieq nesprimi gratitudni lill-Bord tagħna u lill-kollegi tiegħi għad-dedikazzjoni, ix-xogħol siewi u l-appoġġ tagħhom fl-2023.

## Riżultati

Ksibna tkabbir qawwi fid-dħul fit-tliet negozji globali kollha, appoġġjat minn żieda fid-dħul nett mill-imgħax, li ppermettilna nwasslu l-aħjar redditu fuq l-ekwità fl- aħħar diċenju. Minbarra li ntejbu l-prestazzjoni finanzjarja, l-istrateġija tagħna qed iżżid ir-redditu tal-azzjonisti. Il-profitt irrappurtat qabel it-taxxa għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' €133.9m. Dan jirrappreżenta żieda ta' €78.3m jew 141% meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Il-profitt rapportat attribwibbli lill-azzjonisti kien ta' €86.8m, li rriżulta fi qligħ sehem b'sehem ta' 24.1 ċenteżmu meta mqabbel ma' 10.0 ċenteżmu fl-istess perjodu fl-2022.

Id-dħul nett mill-imgħax żdied b'81% għal €195.8m meta mqabbel mas-sena ta' qabel hekk kif l-ambjent tar-rati tal-imgħax ogħla. Iż-żieda fid-dħul nett mill-imgħax hi xprunata fil-biċċa l-kbira minn imgħax ogħla fuq it-tqegħid ta' likwidità żejda.

Id-dħul nett mit-tariffi naqas b'€2.2m meta mqabbel mal-2022 għal €19.5m. Dan kien minħabba t-tneħħija tat-tariffa għolja tal-bilanċ f'Lulju 2022, li kienet deċiżjoni meħuda għal-klijenti mill-bank fid-dawl tal-ambjent tar-rati tal-imgħax li qed jogħlew. Rajna tkabbir tajjeb fit-tranżazzjonijiet bankarji u volumi ogħla ta' pagamenti internazzjonali.

Id-dħul nett mill-kummerċ kien konformi mad-dħul tal-2022 għal €7.6m hekk kif qed inkomplu nsaħħu u napprofondixxu r-relazzjonijiet tagħna mal-klijenti korporattivi u mnut (retail) tagħna. Bħala l-bank internazzjonali ewlieni fis-suq, aħna komplejna noffru firxa komprensiva ta' servizzi bankarji ta' tranżazzjonijiet, inkluż kambju barrani u prodotti oħra ta' *hedging*.

L-ispejjeż operattivi għas-sena żdiedu bi 3% u ammontaw għal €102.4m. Iż-żieda fl-ispejjeż ta' €3.7m hi attribwibbli prinċipalment għal żieda fl-ispejjeż tal-impjegati tagħna hekk kif qed inkomplu ninvestu fin-nies tagħna, li huma l-ass ewlieni tagħna. Dan kien parzjalment ikkumpensat minn rifużjoni tal-assigurazzjoni li waslet fl-2023 u tfaddil tal-ispejjeż fuq il-portafoll tal-proprjetà immobbli tagħna.

Matul is-sena, irrappurtajna rilaxx ta' Telf ta' Kreditu Mistenni (ECL) ta' €4.6m, meta mqabbel ma' rilaxx ta' €9.6m fl-2022. Fl-2022, in-negozju tal-Bank Kummerċjali rrapporta rilaxx nett ta' €12.3m li kien attribwibbli prinċipalment għal irkupru sinifikanti fuq self kummerċjali improduttiv li fil-biċċa l-kbira kien ipprovdut fi snin preċedenti. Ir-rilaxx fl-2023 huwa xprunat fis-settur bankarju tal-imnut (***retail***) u kummerċjali minn titjib fil-kwalità tal-kreditu tal-klijenti tagħna kif ukoll minn prospetti ekonomiċi futuri mtejba.

Ir-rata tat-taxxa effettiva kienet 35.2%. Dan issarraf fi spiża tat-taxxa ta' €47.1m, li jfisser €27.7m ogħla mill-ispiża tal-2022. Iż-żieda fl-ispiża tat-taxxa rriżultat prinċipalment minn żieda fil-profitti.

L-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd rrapportat profitt qabel it-taxxa ta' €6.2m meta mqabbel ma' profitt ta' €3.9m fl-2022. Fl-1 ta' Jannar 2023, HSBC adotta l-IFRS 17 'Insurance Contracts'. Kif meħtieġ mir-regolamenti, applikajna r-rekwiżiti retrospettivament b'dejta komparattiva ppubblikata qabel taħt l-IFRS 4 *'Insurance Contracts'* u applikata mill-ġdid mid-data ta' tranżizzjoni tal-1 ta' Jannar 2022. Il-varjanza pożittiva fil-profitabbiltà ta' €2.3m huma prinċipalment attribwiti għal ċaqlieq pożittiv fuq il-qligħ tal-*mark to market* tal-portafoll tal-assi tal-assigurazzjoni.

Is-self nett u l-avvanzi lill-klijenti naqas b'€91.3m għal €3,084m. Il-bilanċi kummerċjali naqsu b'€19.8m filwaqt li l-bilanċi bl-imnut (*retail*) naqsu b'€71.5m. Il-bank żamm politika ta' kreditu prudenti biex jiżgura sostenibbiltà fit-tul filwaqt li jagħti wkoll valur lill-azzjonisti tiegħu. Kompla wkoll ittejjeb il-kwalità tal-assi billi naqqas is-self kummerċjali improduttiv b'14% u s-self improduttiv tal-imnut (*retail*) b'20%.

Id-depożiti tal-klijenti zdiedu bi 3% għal €6,142m xprunati minn żieda fid-depożiti kummerċjali. Il-bank żamm proporzjon b'saħħtu ta' 50.2% bejn is-self u d-depożiti, u l-proporzjonijiet ta' likwidità tiegħu baqgħu ferm ogħla mir-rekwiżiti regolatorji.

Il-portafoll ta' investimenti finanzjarji żdied b'31% għal €1,316m. Fl-2023, żidna d-daqs u t-tul tal-hedges strutturali tagħna biex innaqqsu s-sensittività tad-dħul nett mill-imgħax bankarju mal-moviment tar-rata tal-imgħax u nistabbilizzaw il-qligħ futur. Rajna wkoll numru ta' opportunitajiet mill-istrateġija eżistenti tagħna biex inkomplu nkabbru d-dħul.

Il-kapital tal-ewwel saff tal-ekwità komuni tal-bank kien 20.6% fil-31 ta' Diċembru 2023, meta mqabbel ma' 18.5% fl-aħħar tal-2022. Il-proporzjon tal-kapital totali żdied għal 23.5% meta mqabbel ma' 21.3% fil-31 ta' Diċembru 2022. It-titjib fil-proporzjonijiet tal-kapital kien immexxi minn żieda fil-profitti u riżervi ta' rivalutazzjoni ogħla fuq il-portafoll ta' investiment tagħna *Hold-to-Collect* ikkumpensat parzjalment minn tnaqqis ta' kapital ogħla għal self improduttiv hekk kif qed inkomplu nimplimentaw gradwalment ir-rekwiżiti kapitali. Il-bank żamm bażi kapitali b'saħħitha u huwa kompletament konformi mar-rekwiżiti regolatorji tal-kapital.

Il-bank huwa determinat li jżomm bażi kapitali b'saħħitha, fl-istess ħin jirrikonoxxi l-importanza tad-dividendi għall-azzjonisti tiegħu. Fid-dawl tar-riżultati b'saħħithom, il-Bord irrakkomanda proporzjon ta' ħlas ta' dividendi ta' 40% fuq profitti rrappurtati. Id-dividend gross finali se jkun ta' 9.0 ċenteżmi għal kull sehem (5.85 ċenteżmi għal kull sehem nett tat-taxxa) li jġib id-dividend totali għall-2023 għal 15.0 ċenteżmu (9.75 ċenteżmi nett tat-taxxa). Dan huwa wieħed mill-ogħla dividend annwali mħallas f'dawn l-aħħar għaxar snin. Id-dividend finali se jitħallas fil-25 ta' April 2024 lill-azzjonisti li se jkunu fuq ir-reġistru tal-azzjonisti tal-bank sad-19 ta' Marzu 2024, soġġett għall-approvazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali skedata għat-18 ta' April 2024.

# Ġid u Servizzi Bankarji Personali ('WPB')

Is-sena 2023 ġabet magħha diversi sfidi li jolqtu n-negozju permezz ta' pressjonijiet marbuta mal-għoli tal-ħajja, suq tax-xogħol aktar strett u ambjent internazzjonali volatili. Minkejja li kellna ninavigaw dawn l-isfidi, irnexxielna nwettqu u naqbżu l-projezzjonijiet finanzjarji tagħna, b'riżultati b'saħħithom megħjuna wkoll mill-ambjent favorevoli tar-rati tal-imgħax.

Komplejna niffukaw fuq l-istrateġija tal-klijenti tagħna billi tejjibna l-proposti tal-klijenti Premier u Advance tagħna permezz ta' karatteristiċi u benefiċċji mtejba. Dan wassal biex żidna n-numru ta' klijenti li jafdawna bir-relazzjoni bankarja tagħhom ta' kuljum, billi għażlu HSBC bħala l-bank ewlieni tagħhom.







Terms and conditions apply. HSBC Premier is subject to eligibility criteria. *Offer applicable only to new to bank customers and is valid from 6 February 2023 till 30 April 2023 and may be withdrawn at the Bank's discretion. Offer is subject to the use of the HSBC Premier Mastercard and is only applicable on the first €100 spent on purchases during the campaign period.

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. (116, Archbishop Street, Valletta VLT1444). HSBC Bank Malta p.l.c. is a public limited company regulated by the Malta Financial Services Authority and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). (Ref No. 38889 – 02/2023)

Terms and conditions apply. HSBC Advance is subject to eligibility criteria. *Offer applicable only to new to bank customers and is valid from 6 February 2023 till 30 April 2023 and may be withdrawn at the Bank's discretion.
**Cashback offer is subject to the use of the HSBC Advance Visa Platinum card and is only applicable on the first €100 spent on purchases made during the campaign period.
Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. (116, Archbishop Street, Valletta VLT1444). HSBC Bank Malta p.l.c. is a public limited company regulated by the Malta Financial Services Authority and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). (Ref No. 38887 – 02/2023)

Reklami tal-kampanja Premier u Advance 2023.

Komplejna nkabbru l-użu tal-mezzi diġitali, b'aktar minn 96% tat-tranżazzjonijiet bażiċi issa jsiru permezz tal-pjattaformi tagħna tal-*internet* u tal-*mobile banking*. Matul l-2023, l-adozzjoni mill-klijenti tal-*Mobile Banking App* ta' HSBC Malta żdiedet b'9% u l-logins fuq il-mowbajl żdiedu b'14% fuq is-sena ta' qabel. Nedejna wkoll is-*Soft Token* għall-internet u l-*mobile banking*, għodod biex is-servizzi diġitali jsiru aktar sempliċi. Il-karatteristiċi tal-pjattaforma tal-mobile banking tagħna ġew imtejba wkoll sabiex jipprovdu esperjenza aħjar lill-klijenti.

L-għajnuna li nagħtu lill-klijenti tagħna biex nipprovdulhom l-aqwa faċilitajiet ta' kreditu tibqa' importanti għal HSBC. Minħabba l-ambjent estern, inżammet politika ta' kreditu prudenti kemm għal self garantit kif ukoll għal self mhux garantit biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħna fit-tul.

Fl-2023, komplejna nniedu prodotti u inizjattivi ġodda, primarjament fil-*Wealth Management*. It-tnedija tal-prodotti jinkludu l-*Key Five Critical Illness Cover*, li huwa prodott uniku ta' protezzjoni fis-suq u l-fond ta' investiment *Fixed Maturity Portfolio* li jipprovdi lill-klijenti tagħna espożizzjoni għal bonds korporattivi tal-ewro f'fond ta' riskju baxx b'data ta' maturità u dħul fiss, imħallas kull sena. Kien hemm kampanji ta' riklamar b'saħħithom matul is-sena li kkontribwew għal attività mtejba u preżenza viżibbli fis-suq.




Nedejna wkoll vjaġġ gwidat mhux Konsultattiv għall-prodott tal-Pjan tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Grupp kif ukoll daħħalna vjaġġ konsultattiv imtejjeb biex nilħqu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijenti tagħna u l-obbligi regolatorji tagħna bħala parti mir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà MIFID II.

Komplejna nimplimentaw numru ta' proġetti regolatorji ta' trasformazzjoni wara leġiżlazzjonijiet ġodda li daħlu fis-seħħ, li jissalvagwardjaw l-interessi tal-klijenti tagħna. Matul l-2023, użajna sistema *front-end* ġdida ta' kwotazzjoni tal-assigurazzjoni li tgħin biex intejbu l-esperjenza tal-klijent. Komplejna ninvestu wkoll fis-sistema l-ġdida tagħna tal-Immaniġġjar tal-Kards u s-sistema l-ġdida tal-Immaniġġjar tal-*Mortgages* li se jiġu skjerati fl-2024 u b'hekk noffru access mtejjeb onlajn għall-klijenti biex jaraw it-tranżazzjonijiet relatati. Imbarkajna wkoll fuq proġett ġdid biex nibdlu l-flotta tal-ATMs tagħna sal-2025.

Il-benessri tan-nies tagħna jibqa' l-pilastru tal-prestazzjoni u s-suċċess tagħna, u fl-2023 dan ġie sostenut permezz ta' taħriġ tekniku u fis-*soft-skills* li sar kemm onlajn kif ukoll wiċċ imb'wiċċ. Komplejna nagħtu s-setgħa lin-nies tagħna billi ninvestu fl-iżvilupp tagħhom u nagħrfu l-kisbiet matul is-sena li huma essenzjali għall-motivazzjoni u l-impenn kontinwu tat-timijiet tagħna.

Hekk kif qed inħarsu 'l quddiem lejn l-2024, aħna nibqgħu ffukati fuq li nkabbru l-bank tagħna b'mod sostenibbli għall-futur, iċċentrati madwar il-klijenti tagħna, li noffrulhom l-ogħla potenzjal ta' tkabbir u nipprovdulhom l-aqwa servizz tal-konsumatur filwaqt li nkomplu nħaddnu l-istrateġija tagħna dwar l-Ambjent, s-Soċjeta' u l-Governanza.

## Is-Servizzi Bankarji Kummerċjali ('CMB')

F'sena kkaratterizzata minn tħassib dwar l-inflazzjoni, żieda fir-rati tal-imgħax tas-suq u theddid ta' riċessjoni globali, in-negozji madwar id-dinja komplew jiffaċċjaw żminijiet inċerti. F'dan l-ambjent, bqajna qrib il-klijenti tagħna bil-ħsieb li nappoġġjawhom f'kull ħtieġa ta' finanzjament kif ukoll billi nagħtuhom aċċess għal firxa ta' għarfien u riżorsi offruti mill-Grupp HSBC.

Permezz tad-diversi servizzi u prodotti tagħna, għenna lill-klijenti jsibu modi kif jindirizzaw dawn l-isfidi. Dan kien jinkludi servizzi personali li saru għall-klijenti fejn Ekonomista Globali ta' HSBC ta' l-opinjonijiet u qasam l-għarfien tiegħu dwar l-ekonomija dinjija fl-2023. Matul is-sena, innutajna domanda ogħla għal self u għal darb'oħra esperjenzajna żieda fil-valur totali ta' self ġdid u faċilitajiet oħra approvati lill-klijenti, li żdiedu b'madwar 17% fuq is-sena ta' qabel. Qed nantiċipaw li dawn il-faċillitajiet ha jigu uzati fis-sena li ġejja. Dan il-livell b'saħħtu ta' self ġdid kien jinkludi programm finanzjarju lil kumpanija internazzjonali, *blue chip*, li kienet miftiehma flimkien ma' uffiċċju Ewropew ieħor ta' HSBC. Din kienet l-ewwel darba li HSBC Malta pparteċipa f'tali programm, u waqqafna l-istrutturi meħtieġa biex nipparteċipaw f'tali programmi simili fil-futur, li jippermettulna nutilizzaw il-likwidità żejda tagħna filwaqt li niddiversifikaw il-portafoll tas-self tagħna. Konna kuntenti ħafna li nżidu l-kollaborazzjoni tagħna mal-Malta Development Bank bit-tnedija tal-*SME Guarantee Scheme* (SGS) u l-*Guaranteed Co-Lending Scheme* (GCLS). Dawn l-iskemi ta' self kummerċjali, li jibqgħu disponibbli sal-aħħar tal-2024, huma mfassla biex jindirizzaw applikazzjonijiet li s-suq mhux dejjem ikun kapaċi jakkomoda billi jipprovdu faċilitajiet ta' finanzjament biex jappoġġjaw operat produttivi u vijabbli.

Il-qasam tagħna ta' *Trade and Receivables Finance* kompla jaħdem b'mod qawwi u għal darb'oħra ġġenera dħul miżjud wara t-tkabbir li deher f'2022, grazzi għall-attenzjoni tagħna li nipprovdu lill-klijenti tagħna prodotti u soluzzjonijiet li jippermettulhom jinnegozjaw internazzjonalment u domestikament. Id-dħul żdied b'madwar 8%, bi tkabbir fl-oqsma kollha inklużi garanziji, kummerċ ewlieni u finanzjament ta' prodotti strutturati. Il-

bilanċi ffinanzjati taħt il-portafol ta' *Trade and Receivables Finance* żdiedu b'madwar 30% sena wara sena, grazzi għall-kontinwità tagħna fuq dawn il-forom ta' self strutturat. Komplejna nisfruttaw is-saħħa tagħna bħala membri tal-Grupp HSBC, li ġie msemmi bħala *Global Best Bank for Trade Finance* għas-sitt sena konsekuttiva tal-*Euromoney Trade Finance Survey 2023.* Konna sodisfatti li nkunu ppremjati bħala Market Leader u l-aqwa fornitur tas-servizz għal Trade Finance f'Malta fl-istess stħarriġ u ninsabu grati lejn il-klijenti tagħna li ipparteċipaw u esprimew il-fehmiet tagħhom. Id-dħul mill-kambju kiber ukoll b'madwar 7%, grazzi għal tkabbir fil-volumi li jirriżultaw minn kollaborazzjoni b'saħħitha mat-tim tagħna tas-Swieq Globali u interazzjonijiet mill-qrib mal-klijenti tagħna.







Fis-sena li għaddiet, komplejna naraw żieda fil-bilanċi tad-depożiti miżmuma magħna u ninsabu mħeġġa mill-fiduċja muri fina mill-klijenti tagħna li jafdawna bid-depożiti tagħhom. Il-volum ta' pagamenti mgħoddija permezz tal-kontijiet tal-klijenti tagħna kompla jiżdied, biex wassal għal żieda fid-dħul minn dan is-sors. Il-pagamenti internazzjonali żdiedu b'madwar 17% waqt li pproċessajna madwar 25% aktar debiti diretti mis-sena ta' qabel. Dan inkiseb grazzi għal numru ta' klijenti li għadhom kif ingħaqdu, inklużi dawk internazzjonali, fejn rajna madwar 40% żieda fil-volum ta' kontijiet ġodda miftuħa meta mqabbel mal-2022. Komplejna wkoll bl-attività tagħna biex inrawmu relazzjonijiet aktar b'saħħithom mal-klijenti eżistenti biex wassal għal żieda fl-użu tal-kontijiet, komplejna niffukaw aktar fuq id-diġitizzazzjoni tal-pagamenti u t-tnaqqis fil-volumi ta' ċekkijiet. Konna sodisfatti li ġejna msemmija bħala overall *Market Leader and Best Service for Non-Financial Institutions* fl-istħarriġ prestiġjuż ta' *Euromoney Cash Management Survey 2023.* Dawn l-unuri jenfasizzaw l-impenn ta' HSBC Malta għall-eċċellenza fis-servizzi tal-immaniġjar tal-flus u t-tmexxija ġenerali tiegħu fis-settur.

Fi sforz kontinwu biex inżidu l-użu tal-pjattaforma bankarja onlajn tagħna HSBCnet, ospitajna għadd ta' *webinars* ta' taħriġ għall-klijenti tagħna dwar suġġetti varji. Tali taħriġ jippermetti lill-klijenti jagħmlu użu akbar mill-funzjonalitajiet varji ta' din il-pjattaforma, jiffrankaw il-ħin meta jagħmlu ħlasijiet u jipproċessaw transazzjonijiet oħra u jiksbu mill-ewwel l-informazzjoni li jeħtieġu. L-użu tal-HSBCnet u tal-mowbajl baqgħu pjuttost stabbli. Matul is-sena nedejna BBX, interface simplifikata u faċli għall-utent tal-paġna tal-HSBCnet immirata għan-negozji ta' daqs żgħir u medju (SMEs). Wara din it-tnedija, qed inkellmu lill-klijenti li bħalissa mhumiex utenti tal-HSBCnet sabiex niddeskrivu l-benefiċċji u l-funzjonalitajiet tal-pjattaforma, biex inkabbru n-numru ta' kljenti li jużaw dan is-servizz.

Fl-aħħar tas-sena, erġajna nedejna stħarriġ onlajn fejn il-klijenti ntalbu jivvalutaw l-esperjenza tagħhom bis-servizz li nipprovdu. Dan l-istħarriġ issa qed isir kull sena u r-riżultati tiegħu jgħinuna nindirizzaw oqsma fejn il-klijenti tagħna jixtiequ jaraw titjib. Il-livell ta' sodisfazzjon tal-klijent baqa' b'saħħtu, u fuq l-istess livell tas-sena ta' qabel. Għal darb'oħra konna kuntenti ħafna li l-klijenti komplew jivvalutaw il-kwalità tar-*Relationship Managers* tagħhom u kklassifikawhom tajjeb fir-rigward tal-għarfien u l-proattività. Se nieħdu passi addizzjonali biex intejbu ċerti proċessi tal-klijenti u b'hekk inżidu l-faċilità li jagħmlu negozju magħna.

Tard fis-sena, bħala parti mill-appoġġ kontinwu tagħna lil *TradeMalta*, sponsorajna edizzjoni oħra tal-programm popolari Go Global ta' *TradeMalta*, li huwa mmirat għal kumpaniji li qed ifittxu li jespandu internazzjonalment. Komplejna nappoġġjaw ukoll il-ħidma tal-Kamra tal-Kummerċ, wara t-tiġdid tal-*Gold Partnership Agreement* għal tliet snin oħra mħabbar fl-2022. Hu ta' pjaċir li għandna l-opportunità li nkomplu nappoġġaw lin-negozji lokali u l-ekonomija permezz ta' dawn l-attivitajiet u sponsorships.



F'Lulju 2023, TradeMalta neda Programm Go Global appoġġjat minn HSBC li jrawwem l-internazzjonalizzazzjoni ta' kumpaniji bbażati f'Malta.

Kif għamilna matul l-2023, se nkomplu niffukaw fuq li nżidu l-valur lill-klijenti tagħna u nagħtuhom aċċess għal dak kollu li l-Grupp HSBC għandu x'joffri. Dan nistgħu nagħmluh biss bis-saħħa tar-Relationship Managers dedikati u professjonali tagħna u membri oħra tat-tim, li huma impenjati li jgħinu lill-klijenti tagħhom jindirizzaw l-isfidi u jmexxu n-negozji tagħhom 'il quddiem. Aħna se nkomplu nipprovdu lit-timijiet tagħna l-għodda meħtieġa u taħriġ kontinwu biex ikunu jistgħu jifhmu l-ħtiġijiet tal-klijenti u jibqgħu infurmati dwar kwistjonijiet li għandhom impatt fuq l-ambjent tan-negozju li dejjem jinbidel.

## Swieq Globali ('GM')

L-2023 kienet sena oħra ta' sfida għas-Swieq Globali ('GM'). GM qed tkompli twettaq b'suċċess l-istrateġija tagħha biex tipprovdi l-aqwa servizzi fil-klassi lill-klijenti lokali u internazzjonali, billi tuża l-għarfien espert disponibbli fin-netwerk dinji tal-Grupp HSBC.

Id-dħul mill-kambju huwa konformi ma' dak tas-sena l-oħra hekk kif komplejna niffaċċjaw sfidi fis-suq estern. Il-kollaborazzjoni ma' CMB u WPB tibqa' waħda mill-prijoritajiet strateġiċi ta' GM. Dan jippermetti lill-klijenti CMB u WPB li jibbenefikaw mill-għarfien espert tal-prodott ta' GM, b'mod partikolari għal soluzzjonijiet tal-immaniġjar tar-riskju tal-kambju u tar-rata tal-imgħax, fejn qed inkomplu naraw potenzjal tajjeb. Il-klijenti tas-CMB se jkomplu jibbenefikaw ukoll minn soluzzjonijiet diġitali għall-kambju barrani. Matul is-sena GM organizzat numru ta' seminars għall-klijenti CMB u WPB, fejn stiednet speċjalisti ewlenin fl-industrija. Seminar importanti ta' din is-sena kien dak mogħti mill-Ekonomista Globali tagħna.




James Pomeroy, Ekonomista Globali waqt breakfast meeting organizzat mill- HSBC Bank Malta p.l.c.

## Ċentru Korporattiv (‘CC’)

Il-*Markets Treasury* (Ċentru Korporattiv), li jamministra r-Riskju tar-Rata tal-Imgħax fuq il-bilanċ tal-bank u juża l-likwidità żejda, ta riżultati eċċellenti f’konformità mal-ambjent prevalenti tar-rati tal-imgħax bi dħul sostanzjalment ogħla fuq is-sena li għaddiet. Il-bank kompla jkollu likwidità żejda sinifikanti li hi prinċipalment investita f’titoli u pjazzamenti fil-*money market*. Kemm il-*Hold-to-Collect* and *Sell* kif ukoll il-Portfolio tat-titoli *Hold-to-Collect* huma prinċipalment investiti f’assi likwidi ta’ kwalità għolja, li jirriflettu l-aptit tar-riskju konservattiv tagħna.

## Servizzi tan-Negozju Diġitali (‘DBS’)

Id-dipartiment tal-operat (‘COO’) flimkien mad-DBS- qed ikollhom rwol ċentrali fl-appoġġ tan-negozju tagħna biex jitwettqu l-impenji strateġiċi billi jimmaniġġjaw l-operat ta’ kuljum u jippermettu servizzi bla interruzzjoni lill-klijenti tagħna, imexxu t-trasformazzjoni u l-bidliet regolatorji permezz ta’ soluzzjonijiet diġitali, jiffokaw fuq it-titjib tal-esperjenza tal-klijenti u proċessi interni, u biex jissalvagwardjaw il-klijenti tagħna u r-reżiljenza tan-negozju permezz ta’ qafas robust ta’ kontrolli u monitoraġġ. It-timijiet tad-DBS huma wkoll pożizzjonati minn ta’ quddiem biex imexxu l-inizjattivi ta’ Sostenibbiltà u Nett Żero għall-bank.

Matul l-2023, it-tim tas-Servizzi Bankarji Diġitali baqgħu impenjati li jimplimentaw inizjattivi ta’ trasformazzjoni strateġiċi, trawwem id-diġitizzazzjoni, l-awtomazzjoni, u effiċjenza akbar f’punti kruċjali tal-esperjenza tal-klijenti relatati mal-Ħlasijiet, Kards u *Mortgages*. Il-kisbiet inkludew it-titjib fil-mod ta’ kif jinħarġu l-kards il-ġodda u dawk sostituti, u dan ifisser servizz ta’ ħruġ ta’ kards aktar mgħaġġel għall-klijenti tagħna; l-użu tas-sistema l-ġdida ta’ mortgages li se tippermetti lill-klijenti jaraw it-tranżazzjonijiet ta’ mortgage tagħhom onlajn; u l-awtomazzjoni tal-proċessi tal-kards interni, li tfisser iktar ħin ġwadanjat għall-kollegi tagħna biex jiffokaw fuq attivitajiet li jżidu l-valur. Dan kien possibbli permezz ta’ investiment kontinwu f’teknoloġija ġdida u t-titjib tal-funzjonalità tas-sistemi eżistenti.

Matul l-2023, komplejna niffukaw fuq is-Sostenibbiltà u mmexxu l-miri Nett Żero tagħna u permezz ta’ diversi inizjattivi ksibna progress materjali fit-tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Karbonju, Konsum ta’ Enerġija, Skart u Konsum tal-Karta bħall-użu ta’ materjali b’karbonju baxx għal kostruzzjoni (frankajna 89.7 tunnellata ta’ CO2e permezz ta’ produzzjoni innovattiva tal-konkrit), użu mill-ġdid ta’ għamara eżistenti ta’ HSBC minn siti oħra (frankajna 71 tunnellata ta’ CO2e), u l-isforz tagħna li nħeġġu lill-klijenti biex jaqilbu minn korrispondenza tal-karta għall-użu akbar ta’ mezzi diġitali (183 elf folja tal-karta inqas ikkunsmati fis-sena).

Il-proġett tal-HSBC HUB biex nibdlu l-binjiet tal-uffiċini tagħna f’Ħal Qormi huwa l-akbar proġett ta’ nefqa kapitali għal HSBC fl-Ewropa. Dan se joħloq spazju innovattiv, sostenibbli u modern għall-klijenti tagħna u l-kollegi ta’ HSBC, b’wieħed mill-akbar spazji tal-uffiċċji f’Malta (aktar minn 2,330sqm). Il-proġett mexa ‘l quddiem b’suċċess bl-ewwel fażi tal-proġett jiftaħ il-bibien tiegħu fit-22 ta’ Jannar 2024, u ntlaqgħu 230 kollega, filwaqt li toffri kmamar tal-laqgħat u spazji għall-konferenzi b’użu varjat. Minbarra li jikkontribwixxi fl-inizjattivi Nett Żero, id-disinn interjuri tal-HSBC HUB u l-investiment teknoloġiku li sar jippermetti lill-kollegi tagħna jadattaw modi ġodda ta’ ħidma bi spazji kollaborattivi kondiviżi bi pjan miftuħ, sistema flessibbli ta’ prenotazzjoni tal-ħin fl-uffiċċju u faċilitajiet għall-organizzazzjoni tat-tim u avvenimenti tal-klijenti.




HSBC Hub – ir-Reception Prinċipali



HSBC Hub - ir-Reception għall-Klijenti

It-timijiet tad-DBS huma parti mit-tim usa' tal-HSBC fl-Ewropa, li jisfruttaw l-għarfien, il-kompetenza u l-appoġġ tal-kollegi tagħna fi 12-il pajjiż. Fis-sajf tal-2023, kollegi mill-IT u t-timijiet tal-Uffiċċju tal-Kap tal-Kontrolli rebħu premjijiet taħt żewġ kategoriji differenti, '*Believe in our Vision*' u 'Take Pride' in what we do' fiċ-ċerimonja tal-premjijiet ta' DBS Europe.

B'ħarsa 'l quddiem lejn l-2024, l-istrateġija ta' DBS Malta hi ffukata fuq l-appoġġ għat-tkabbir tan-negozju tagħna billi tmexxi operat mingħajr xkiel, twassal esperjenzi innovattivi u diġitali għall-klijenti, twettaq il-miri ta' Nett Żero u tappoġġja lin-nies tagħna billi żżomm ambjent tax-xogħol impenjattiv

u motivanti. Ir-riżultati ewlenin fil-pjan għall-2024 huma t-tnedja tal-proġett għall-immodernizzar tal-ATMs tagħna u t-tlestija tat-tieni fażi tal-HSBC HUB f'Ħal Qormi.

## In-Nies Tagħna

In-nies tagħna u l-komunità li naqdu jibqgħu fil-qalba tan-negozju tagħna. Aħna nippromwovu l-inklużjoni u d-diversità u nemmnu bis-sħiħ li l-impenn tal-impjegati u t-tkabbir personali huma bzonjuzi għall-forniment ta' servizz eċċellenti għall-klijenti. Matul l-2023, komplejna niffukaw fuq in-nies tagħna billi pprovdejnilhom opportunitajiet biex jirrealizzaw l-aspirazzjonijiet tagħhom u fl-istess waqt għodod biex jissalvagwardjaw il-benessri tagħhom. Ospitajna serje ta' diskussjonijiet wiċċ imb'wiċċ mal-maniġers kollha fil-preżenza tar-Riżorsi Umani, artikulajna strateġija u smajna r-rispons u kwalunkwe tħassib bit-tema ewlenija tkun fuq "in-nies tagħna". Dawn il-laqgħat stabbilixxew konnessjoni mill-qrib mal-maniġment u impenn biex tinżamm komunikazzjoni miftuħa miż-żewġ direzzjonijiet li hi tant importanti għan-nies tagħna.

L-2023 kienet importanti wkoll mill-perspettiva tar-Relazzjonijiet Industrijali. Negozjati ta' Ftehim Kollettiv mal-Malta Union of Bank Employees (MUBE) għall-Ftehim Kollettiv il-ġdid (effettiv minn Jannar 2024) beda f'April u mexa 'l quddiem matul is-sena. F'Jannar 2024, il-Bank ħabbar l-iffirmar ta' ftehim kollettiv ġdid mal-MUBE għall-perjodu 2024-2026. Il-ftehim ġie ffirmat Malta, u mbagħad ivvalidat fl-Uffiċji Prinċipali ta' *HSBC Continental Europe* f'Pariġi mill-Kap Eżekuttiv, Andrew Wild, u l-Kap Eżekuttiv tal- HSBC Bank Malta p.l.c., fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-MUBE. *HSBC Continental Europe* huwa l-azzjonist maġġoritarju tal-HSBC Bank Malta p.l.c.. Dan il-ftehim kollettiv ambizzjuż huwa kkaratterizzat minn titjib sinifikanti fil-paga tal-impjegati, kif ukoll fil-benefiċċji u l-pjanijiet tal-pensjoni tal-irtirar.



Mix-xellug: Nadianne Azzopardi, Konsulenta tar-Rizorsi Umani , HSBC Bank Malta p.l.c.; David Perotti, Kap tar-Riżorsi Umani, HSBC Bank Malta p.l.c.; Andrew Wild, Kap Eżekuttiv, HSBC Continental Europe; William Portelli, President tal-MUBE; Geoffrey Fichte, Kap Eżekuttiv, HSBC Bank Malta p.l.c.; Josef Figallo, President tal-Kumitat tal-Grupp MUBE; Amanda Camenzuli, Segretarju tal-Kumitat tal-Grupp MUBE

*Snapshot 2023* (l-istħarriġ intern tal-impjegati mal-bank kollu) irreġistra titjib sinifikanti fil-parteċipazzjoni u fl-indiċi ewlenin. Il-prattiki ta' xogħol flessibbli (inkluż remote) jibqgħu msejsa fin-negozju tagħna biex b'hekk jiffaċilitaw bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja għan-nies tagħna.

Il-proposta ta' *Internship* tagħna reġgħet ġiet implimentata b'suċċess matul l-2023 b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u istituzzjonijiet edukattivi oħra biex jirreklutaw studenti u jipprovdulhom esperjenza ta' xogħol siewi. Din is-sena erġajna lqajna lura diversi studenti li rritornaw lura HSBC bħala impjegati full-time wara li temmew l-istudji tagħhom. Aħna nemmnu bis-sħiħ fl-importanza li nitkellmu mat-talent futur tagħna, biex b'hekk nipprovdu *pipeline* futur għan-negozju.

L-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-karriera komplew matul l-2023 bl-impjegati japplikaw għal opportunitajiet ta' xogħol madwar il-bank u s-sussidjarji tiegħu. Ħafna ġew promossi fil-proċess. L-ippjanar tas-suċċessjoni għal rwoli ewlenin għadu għaddej ukoll. Tlieta mill-maniġers tagħna ntgħażlu biex jissieħbu fl-Programm prestiġjuż tal-HSBC Inspire tal-2023 li hu mfassal apposta għal individwi li għandhom il-potenzjal li jsiru mexxejja fi ħdan *HSBC Continental Europe* ('HBCE').

Matul is-sena organizzajna diversi sessjonijiet għall-impjegati tagħna li jiffokaw fuq suġġetti ta' interess varji fosthom il-benessri mentali, fiżiku u finanzjarju. L-impjegati pparteċipaw b'mod attiv f'dawn is-sessjonijiet u aktar inizjattivi bħal dawn huma ppjanati għall-2024.

Issottomettejna 13-il nomina għall-HBCE Energy Awards u rbaħna premju għal Kollaborazzjoni Internazzjonali. Kisba kbira biex in-nies tagħna jiġu rikonoxxuti flimkien mal-kollegi ta' HBCE.




Se nkomplu ninvestu fin-nies tagħna u nħarsu 'l quddiem li niċċelebraw flimkien waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 anniversarju tal- HSBC Bank Malta p.l.c..

## L-Azzjonist Maġġoritarju

HSBC Continental Europe għandu sehem dirett ta' madwar 70.03% fl-HSBC Bank Malta p.l.c. Il-kontroll aħħari tal-Grupp HSBC Malta jibqa' f'idejn HSBC Holdings plc.

## Prospettiva għall-futur

Jiena kawt imma ottimist dwar il-prospetti ekonomiċi għall-2024 fid-dawl ta' pressjonijiet inflazzjonarji volatili u tensjonijiet ġeopolitiċi.

HSBC Malta huwa impenjat lejn l-ekonomija lokali u se jkompli jinvesti biex jipprovdi lill-klijenti tiegħu, lill-azzjonisti u lill-komunità inġenerali l-ogħla standards fis-servizzi bankarji.

Bħala bank sistematiku u l-bank internazzjonali ewlieni f'Malta, HSBC jibqa' impenjat bis-sħiħ li jkompli l-vjaġġ tiegħu ta' diġitalizzazzjoni u li joffri prodotti u servizzi lokali u globali lill-klijenti tagħna, u jipprovdilhom l-appoġġ biex iwettqu l-ambizzjonijiet personali u kummerċjali tagħhom.

Se nsegwu l-istrateġija tat-tkabbir tagħna b'mod sostenibbli u se nkomplu niffukaw fuq l-ambizzjonijiet nett żero tagħna, bil-għan li nkunu aħna nfusna nett żero sal-2030. Is-sostenibbiltà tirrappreżenta l-akbar trasformazzjoni fis-settur bankarju. Diġà qed nieħdu azzjoni biex innaqqsu l-karbonju tagħna iżda nirrikonoxxu li l-akbar impatt tagħna ġej mill-ħidma mal-klijenti biex ngħinuhom fit-tranżizzjoni għal ekonomija nett żero u jsiru aktar sostenibbli permezz tal-offerti tagħna ta' self favur l-ambjent.

Nirringrazzja lill-kollegi tagħna għax-xogħol, id-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom lil HSBC u b'mod partikolari talli taw lill-klijenti stmati tagħna l-aqwa prodotti u servizzi li HSBC għandu x'joffri.

Minkejja l-ambjent estern ta' sfida, hemm ħafna opportunitajiet quddiemna għal bank bil-vantaġġi kompetittivi u l-kapaċitajiet internazzjonali ta' HSBC u se nkomplu nwasslu dawn il-vantaġġi uniċi lis-suq Malti, hekk kif naħdmu biex nifthu dinja ta' opportunitajiet.

*Iffirmat minn Geoffrey Fichte (Kap Eżekuttiv) fil-21 ta' Frar 2024*